8 ta' Marzu, 1957

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Gerarda Dagri et. *versus* Carmela Micallef et.

**Appell — Digriet Interlokutorju — Malleverija għall-Ispejjeż — Terminu — Nullità — Art. 227 u 247 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tiddisponi li ebda petizzjoni tal-appell ma tista' tiġi riċevuta jekk ma tkunx akkompanjata minn garanzija għall-ispej-*

*jeż tal-kawża hija applikabbli wkoll għar-rikors ta' appell min digriet interlokutorju; u għalhekk, kontemporaneament mar-rikors ta' appell minn digriet interlokutorju għandha tiġi preżentata l-garanzija għall-ispejjeż ta' dak l-appell.*

*It-terminu għall-preżentazzjoni ta' din il-garanzija hu perentorju, u mhuwiex prorogabbli; b'mod li l-preżentazzjoni tar-rikors tal-appell mingħajr il-preżentazzjoni kontemporanea tal-garanzija ġġib il-konsegwenza li r-rikors jitqies bħal li kieku l-att ma ġiex preżentat; u l-garanzija li tingħata wara ma tistax tissana d-difett fatali ta' qabel, għax tkun garanzija rigwardanti rikors ġuridikament ineżistenti.*

*Hu minnu li l-lum il-formaliżmu rigoruż fil-proċedimenti ġudizzjarji mhuwiex imħaddan mill-ġurisprudenza; iżda l-inosservanza tal-preċetti tassattivi tal-liġi proċedurali lanqas ma tista' tkun tollerata mingħajr konsegwenzi kaotiċi u diżastrużi.*

*B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, fil-każ preżenti l-Qorti tal-Appell iddikjarat irritu u null l-appell magħmul minn digriet interlokutorju, fuq il-motiv li r-rikors tal-appell ġie preżentat mingħajr il-garanzija kontemporanea għall-ispejjeż tal-appell, avvolja dik il-garanzija ġiet preżentata l-għada li kien ġie preżentat ir-rikors tal-appell.*

Il-Qorti;—Rat is-sentenza tagħha tat-28 ta' Jannar 1957, fejn jinsabu mniżżlin it-talba u l-eċċezzjonijiet tal-partijjiet rispettivament, u s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Novembru 1956, u li biha din il-Qorti ddikjarat proprja l-proċedura tal-appell tal-appellanti b'rikors, u ddikjarat irritu u null l-appell tal-appellanti b'nota u petizzjoni relattivament għad-deċiżjoni appellata, mingħajr preġudizzju tal-kwistjoni tal-eċċezzjoni tan-nullità u eċċezzjonijiet oħra; bl-ispejjeż tal-inċident kontra l-appellanti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellati qajmu l-eċċezzjoni li r-rikors tal-appell tal-appellanti, aktar milli null, hu ineżistenti, għax miegħu

ma ġietx preżentata kontemporaneament il-garanzija għall-ispejjeż tal-appell, u din ġiet preżentata l-għada;

Skond l-art. 247 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, ebda petizzjoni tal-appell ma tista' tiġi riċevuta, li ma tkunx preżentata flimkien ma' garanzija għall-ispejjeż tal-kawża; u skond l-art. 227, para. 7, dik id-dispożizzjoni hija applikabbli wkoll għar-rikors tal-appell minn digriet interlokutorju, għax, mingħajr ħsara tad-dispożizzjonijiet ta' dak l-art. 227, id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi dwar l-appelli mis-sentenzi jgħoddu għall-appelli minn digrieti interlokutorji. Immela mar-rikors tal-appell, kontemporaneament, l-appellanti messhom ippreżentaw il-garanzija għall-ispejjeż. Fil-fatti, il-garanzija ġiet preżentata minnhom l-għada tal-preżentata tar-rikors, li bi vjolazzjoni tal-liġi fuq imsemmija kien ġie riċevut mingħajr il-garanzija meħtieġa;

Ikkunsidrat;

*Illi, kif ġie deċiż minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha* tas-17 ta' Frar 1876, in re "Azzopardi vs. Galea", u fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Gunju 1877, in re "Cutajar vs. Briffa", it-termini għall-prestazzjoni tal-garanzija għall-ispejjeż tal-ġudizzju huma perentorji. Bħala tali mhumiex prorogabbli. Dina l-Qorti, fis-sentenza tagħha tad-19 ta' Gunju 1891, in re "Humphries vs. Gilbert", qalet:— "La legge...... proibisce il ricevimento di una petizione senza la malleveria per le spese, o, nel caso di procedimento 'in *forma pauperis*', *la giuratoria cauzione; e quindi il ricevi*mento della petizione del detto Humphries malgrado quel divieto deve considerarsi come non avvenuto, per la regola sanzionata nella Legge 'non dubium", 5 Cod. De Legibus, 'ut ea quae lege fieri prohibentur, si fuerint facta, non solum inutilia, sed pro infectis habeantur, licet legislator fieri prohibuerit tantum, nec specialiter dixerit inutile esse debere quod factum est' (Vol. XII, p. 99-100)". Immela, la tterminu huwa inprorogabbli, u l-preżentazzjoni tar-rikors

tal-appell mingħajr il-kontemporanea preżentazzjoni tal-garanzija ġġib il-konsegwenza li r-rikors jitqies bħal li kieku qatt ma ġie preżentat; il-garanzija li tingħata l-għada ma tistax tissana d-difett fatali ta' qabel, għax tkun garanzija rigwardanti rikors ġuridikament ineżistenti. Li kieku l-liġi kienet tippermetti dik is-sanatorja, id-divjet tal-art. 247 fuq imsemmi ma kienx ikollu sens, u jsir irriżorju;

Għaldaqstant, dina l-Qorti, kif kostitwita, ma tistax tħaddan l-interpretazzjoni mogħtija fis-sentenza tat-22 ta' Ottubru 1880, in re "Vella", li rriteniet li ma hemmx nullità tal-petizzjoni meta l-malleverija għall-ispejjeż tkun ġiet prestata l-għada tal-preżentazzjoni tal-petizzjoni mingħajr b'daqshekk ma tkun ikkaġunat lill-parti avversa preġudizzju irriparabbli (Vol. IX, p. 252). U tabilħaqq, f'din l-aħħar sentenza ma jidherx li ġie mogħti l-piż li jistħoqqilha lill-perentorjetà tat-terminu u lill-eżiġenza amministrattiva tal-kontemporaneità tal-garanzija mal-preżentazzjoni tal-petizzjoni jew rikors tal-appell, kif ordnat espressament mill-liġi. Huwa minnu li l-lum il-formalismu rigoruż fil-proċedimenti ġudizzjarji mhuwiex imħaddan mill-ġurisprudenza; iżda l-inosservanza tal-perċetti tassattivi tal-liġi proċedurali lanqas ma tista' tkun tollerata mingħajr konsegwenzi kaotiċi u diżastrużi;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni fuq imsemmija tal-appellati, u tiddikjara irritu u null l-appell interpost mill-appellanti bir-rikors tagħhom; bl-ispejjeż kontra l-appellanti.